# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

## SENTENZA PRELIMINARI

**Udjenza tal-11 ta' Diċembru 2023**

**Talba nru. 159/2022**

**RIMUS RILEY LIMITED (C 3193)**

***VERSUS***

**ABIGAIL CHETCUTI (I.D. 152589 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-25 ta' Mejju 2022 (a fol. 1 et seq) is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta' erbat elef u tlieta mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4363.98) rappreżentanti ammonti dovuti mill-konvenuta li jkopru nofs in-*notice period*, il-*maternity leave* u prezz tal-merkanzija lilha mibjugħa.

Ra illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata fis-6 ta' Lulju 2022 (a fol. 7).

Ra illi l-konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fit-22 ta' Lulju 2022 (a fol. 9 et seq).

Ra illi l-konvenuta ippreżentat ukoll il-kontro talba tagħha fit-22 ta' Lulju 2022 (a fol. 12 et seq).

Ra illi s-soċjeta' attriċi ippreżentat ir-risposta tagħha fir-rigward tal-kontro-talba fl-14 t'Ottubru 2022 (a fol. 16).

Ra illi l-partijiet ippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-kontro-talba (a fol. 33 sa 35).

Ra illi din il-kawża tħalliet għal sentenza preliminari fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-kontro-talba.

Ikkunsidra

Fil-kontro-talba tagħha, u ċioe´ fl-ewwel punt, il-konvenuta allegat illi hi temmen li kien hemm raġunijiet tajba għaliex kellha tittermina l-impjieg tagħha minn mas-soċjeta´ attriċi. Biss pero´ meta wieħed jaqra l-kontro-talba kollha jidher ċar illi l-konvenuta qed titlob flus mingħand is-soċjeta´ attriċi għal dak il-perjodu waqt li hi kienet għadha impjegata mal-istess soċjeta´ attriċi u mhux qed titlob lil dan it-Tribunal jiddeċiedi dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tagħha minn mas-soċjeta´ attriċi. B´dan illi tali kontro-talba, allura, taqa´ fil-kompetenza ta´ dan it-Tribunal u mhux hekk kif allegat mis-soċjeta´ attriċi. Fil-fatt, artikolu 3 tal-Att dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar jipprovdi illi *"it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollhata' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)."*

Ukoll, fit-talba ***Pauline Spiteri vs Charles Pisani għan-nom ta' G. Pisani Marketing Limited***,[1] dan it-Tribunal kien ikkonkluda illi

> *"Inghad li l-funzjoni tat-Tribunal Industrijali hi biex tiddetermina kienx hemm tkeccija ingusta u f'kaz li hekk tiddetermina tordna li lhaddiem jerga' jinghata l-impjieg tieghu jew skond il-kaz jinghata kumpens li jigi determinat mill-istess Tribunal u li mhuwiex sindakabbli mill-Qorti tal-Appell una volta li tTribunal ikun deherlu li kienu jezistu ragunijiet bizzejjed biex jillikwida l-kumpens fis-somma ffissata minnu [Prim'Awla, Cyberton Limited vs Joseph Felica, 01/04/2003 ; Prim'Awla, Joseph Sammut vs Francis Vassallo noe, 03/10/2002 ; Prim'Awla, Joseph Micallef vs Stivala Distributors Ltd., 14/02/2001 ; Appell Sede Inferjuri, Saviour Sammut vs Auto Sales Ltd., 19/10/2005 ; Appell Civili, Michael Mallia noe vs Carmel Debono noe et, 13/02/1997]. Fis-sentenza taghha filkawza fl-ismijiet : Joseph Sammut vs Francis Vassallo noe, il-Qorti Civili Prim'Awla ziedet tghid li : 'Jekk limpjegat qabel ma gie mkecci, kien intitolat ghal xi beneficcji li ma lahaqx ha, huwa xorta jibqa intitolat ghalihom u l-ordni ghall-hlas tista' tinghata biss mill-Qrati ordinarji u mhux mit-Tribunal Industrijali' [sottolinear ta' dan it-Tribunal]. Certament li l-hlas tan-notice money li qed titlob l-attrici minghand is-socjeta' konvenuta ghal dawk it-tnax –il gimgha li ppretendiet li kellha tibqa' tahdem skond il-ligi qabel ma ntemm l-impjieg taghha huwa fost 'il-beneficcji' li hija tista' tkun intitolata ghalihom skond il-provi li ghad iridu jingabru f'din il-kawza, u kompetenti li jisma' u jaqta' din it-talba huwa dan itTribunal u mhux it-Tribunal Industrijali."*

Inoltre´ l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Liġijiet ta´ Malta, jipprovdi b´mod unekwivoku għall-kompetenza tat-Tribunal Industrijali li ma jkoprux l-element hawnhekk ippreżentat fil-kontro-talba mill-konvenut. Inoltre´, tali Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Liġijiet ta´ Malta jgħid espressament taħt l-Artikolu 75 (2) illi *"meta jiġi allegat li ħaddiem ikun tkeċċa b'mod inġust minnprinċipal, jew fejn jiġi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir lijoriġina minn xi ħaġa li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolamentpreskritt taħtu, il-każ għandu jintbagħat lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu fuq talba bil-miktub għal hekk magħmula mill-ħaddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna oħra*

[1] 27 ta´ Mejju 2009 (Tribunal Għal Talbiet Żgħar) (Ref.: 46/2006)

*f'isem u għal dak il-ħaddiem*." B'dan illi *se mai* hu fl-interess tal-konvenuta li tmur quddiem it-Tribunal Industrijali u mhux tqajjem tali eċċezzjoni s-soċjeta' attriċi. Il-konvenuta, skond dak ipprovdut fil-proċess, u ċioe' anke fit-trattazzjoni fir-rigward ta' din it-tali eċċezzjoni, hi ben konsapevoli illi tali Tribunal Għal Talbiet Żgħar għandu kompetenza biss fuq xi flejjes li hi setgħet kienet intitolata għalihom tul l-impjieg tagħha mas-soċjeta' attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi f'dan l-istadju jilqa' t-talba tal-konvenuta sabiex ikompli jisma' t-talbiet u l-provi tagħha hekk minnha ippreżentati fir-risposta, inklużi wkoll fir-rigward tal-kontro-talba.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur